MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Numru 115/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvonne Farrugia**
**vs**
**Juste Pascal u**
**Ines Cyril Bertrand Bodjongo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Juste Pascal ta' 44 sena ta' nazzjonalita' Franċiża, bin Frederick Juste u Helen nee' Ngo, imwieled Pariġi nhar l-4 ta' Novembru 1964 residenti permanenti fl-indirizz barrani 11 Rue Beethoven 75016 Pariġi. Detentur tal-karta tal-identita' franċiża bin-numru 00 0175Z00352

U

Ines Cyril Bertrand Bodjongo ta' 36 sena u ta' nazzjonalita' Kamerjunjana, bin missier mhux magħruf u

Rose nee’ Ngale imwieled Yaounde Kamerun nhar l-10 ta’ Novembru 1972 residenti permanenti fl-indirizz barrani 2 Rue Longchamp 69100 Villeurbanne. Detentur tal-Passaport Kamerunjan bin-numru 439203 u tal-permess ta’ residenza Franċiża bin-numru F693113106

1. Akkużati talli fi Frar 2009 u fix-xhur ta’ qabel. F’dawn il-Gżejjer, b’mezzi kontra l-Liġi jew billi għamlu użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaga b’oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħadd ieħor jew ta’ krediti immaġinarji jew sabiex iqanqlu tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b’qerq ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-detriment ta’ Al Girbi Hani HAssouna Abdulaziz;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitiajiet, u ċirkostanzi approprjaw rwieħhom billi dawwru fi profitt għalihom jew għal persuna/i oħra s-somma ta’ aktar minn mitejn u tnejn u teltin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-detriment ta’ Al Girbi Hani Hassouna Abdulaziz;

Fil-konfront ta’ Ines Cyril Bertrand Bodjongo waħdu:

3. Talli fi Frar 2009 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lil Juste Pascal fl-atti li bihom id-delitt kien ippreparat jew ikkunsmat meta għad li kien jaf bl-att filwaqt li kien qiegħed isir u għad li jsita’ jimpedih, ħallieh isir;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, f’Malta xjentement laqa’ għandu somma flus meħud b’qerq, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f’każ ta’ ħtija l-imputati jkunu ikkundannati jħallsu l-ispejejż minħabba l-esperti maħtura.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali kif ukoll il-kunsens tal-imputati sabiex

dawn il-proċeduri jinstemgħu minn din il-Qorti kif preseduta magħmula illum 18 ta’ Mejju, 2009.

Rat l-ammissjonijiet magħmula mill-imputati fil-konfront tagħhom, b’dan pero’ li Ines Cyril Bertrand Bodjongo ammetta l-ewwel żewġ imputazzjonijet biss, liema ammissjoniet huma kkonfermaw wara li ngħataw ħin biżżejjed biex jaħsbuha. (Ara fol 120 seduta tat-30 t’April, 2009.

Rat li l-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjonijiet 3 u 4 ġaladarba l-imputat Ines Cyril Bertrand Bodjongo kien ammetta l-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

Ġaladarba l-imputati ammettew iż-żewġ imputazzjonijiet, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310(a), 18, 293 u 310(1)(b) u 17(b), 23, 31, 532A, 532B u 533 kollha tal-Kap 9 issib liż-żewġ imptutati ħatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotti kontrihom.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li f’dan l-istadju – li mhux wieħed bikri – l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontriehom. Huma wkoll ħallsu d-dejn tagħhom lill-parte civili. Il-fedina penali tagħhom hija netta.

Għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 28A tal-Kap 9, qed tikkundannahom għall-piena ta’ 22 xahar priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba’ snin mil-lum. L-imputati ilhom taħt arrest proviżorju mill-11 ta’ Frar 2009.

Il-Qorti qed twissi lill-imputati dwar il-konsegwenzi jekk huma jwettqu xi reat ieħor matul dawn l-erba’ snin. Qed twissiehom ukoll li din is-sentenza tista’ titqies għall-finijiet ta’ reċidiva fil-pajjiżi membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkudanna lill-imputati jħallsu s-somma ta’ €118.09, spejjeż inkorsi minħabba l-ħatra ta’ espert. L-ispejjeż

għandhom jitħallsu minnufih u qabel ma' l-imputati jħallu l-Gżira.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tkun mgħoddija lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk t-terza persuna kinitx involuta f'tentattiv ta' reat ta' falsikazzjoni ta' flus.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------